MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 194/2010

**AB**

**vs**

**Dr Mark A Mifsud Cutajar u il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-22 ta' Frar 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat assenti C D ma humiex mizzewgin u mir-relazzjoni ta' bejniethom twieldet tifla M D B li twieldet fl-20 ta' Jannar 2009 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness anness u mmarkat Dok A;

2. Illi l-missier, l-intimat assenti C D, telaq minn Malta;
3. Illi l-minuri hija fattwalment fil-kura u kustodja tal-omm, ir-rikorrenti,li minn dejjem hadet hsieb tal-bzonnijiet tal-minuri;
4. Illi r-rikorrenti hija l-aktar persuna idoneja sabiex tigi fdata l-kura u kustodja tal-minuri;
5. Illi l-intimat ma huwiex qed ihallas ebda manteniment ghal bzonnijiet ta' bintu minuri M D B;
6. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghal din il-kawza permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok B;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri M D B tkun fdata esklussivament f'idejn l-omm;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tapplika wahedha ghal passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens tal-intimat assenti;
3. Tillikwida l-manteniment li l-missier hu obbligat li jhallas ghal minuri u tordna lil missier ihallas tali manteniment hekk kif likwidat f'dawk il-modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti jogghobha timponi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat assenti li hu minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-PL Mario Mifsud Bonnici, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;
Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri M Borzi B, tant li l-istess attrici filwaqt li titlob il-kura u l-kustodja tal-istess imsemmi minuri, taghmel talba sabiex tkun awtorizzata tapplika ghall-passaport tal-minuri minghajr il-bzonn jew il-kunsens tal-intimat assenti u talba ghal likwidazzjoni u ordni ta' manteniment li jithallas mill-intimat.

Min-naha taghhom, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-intimat assenti, ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu aktar fatti.

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

L-attrici tghid li hi u l-intimat kellhom relazzjoni li frott taghha, nhar l-20 ta' Jannar 2009, twieldet il-minuri M D B[1]. L-attrici tghid ukoll li l-intimat telaq minn Malta u lanqas m'hu qieghed jivversa xi forma ta' manteniment ghal bintu bil-konsegwenza li hija l-attrici li fattwalment qieghda tiehu hsieb lill-istess minuri u ghalhekk, effettivament ghandha l-kura u l-kustodja taghha. Il-Qorti tinnota wkoll li permezz ta' digriet taghha datat il-5 ta' Marzu 2012, l-attrici giet fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod temporanju u cioe' sakemm jinghata gudizzju finali u giet awtorizzata wkoll tapplika wahedha ghall-passaport ta' bintha minghajr il-htiega tal-kunsens tal-intimat assenti. L-attrici tixhed li l-intimat *“**he's been***

[1] Ara c-certifikat tat-twelid tal-minuri esebit a fol 3 tal-process

***coming in and out of her life all the time***"[2] u dan peress li jkun hemm perjodi fejn jaghmel kuntatt imbaghad jieqaf kollox. Hi tghid ukoll li hu ma jhallas ebda manteniment ghaliex hu jghid li ma jahdimx. Fi kliem l-istess attrici kienet dejjem hi li hadet hsieb lit-tifla ghaliex "***she's my daughter I take responsibility of her, she is my life***" imma ovvjament, minghajr id-dokumentazzjoni necessarja, l-istess attrici qieghda ssib diffikultajiet ghaliex ovvjament l-intimat mhux qieghed hawn Malta biex ikun jista' jiffirma, per ezempju ghall-hrug ta' passaport. L-attrici tghid ukoll li ghalkemm hi tipprova zzomm kuntatt ghaliex temmen li dan hu fl-ahjar interessi ta' bintha, l-intimat la jinzel Malta minn Catania u lanqas jipprova jghin billi jhallas xi forma ta' manteniment, anke meta l-minuri kellha bzonn injection.

Illi il-Qorti tirrileva li, ghalkemm ma semghet ebda provi konkreti min-naha tal-intimat, jirrizulta bl-aktar mod car li ghall-anqas miz-zmien meta l-intimat telaq barra minn Malta, kienet l-attrici li assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri. Jirrizulta car ukoll li l-istess attrici ghandha l-interessi tal-minuri ghal qalbha, tant li tipprova zzomm kuntatt ta' missier l-istess minuri kif ukoll intavolat il-proceduri odjerni sabiex tassigura l-ahjar interessi tal-istess minuri. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-attrici hija kapaci tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod li tista', kif wara kollox ilha taghmel ghal diversi snin issa.

Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, kawzi simili ghal dik odjerna jridu jigu decizi necessarjament fid-dawl tal-principju tal-ahjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[3] fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[4] u **Scifo**

---

[2] Ara a fol 31 tal-process
[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

**Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[5] fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***". Il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghti sostenn lil dan l-argument stante li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun bazata d-decizjoni tal-Qorti.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kollha hekk kif dedotti, tillikwida l-ammont ta' manteniment dovut ghall-minuri fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) u tordna lill-istess intimat ihallas lill-attrici il-manteniment hekk likwidat kull erba' (4) gimghat f'kont indikat mill-attrici kull l-ewwel gurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer stante* li huwa jghix barra minn Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, b'dan illi l-ispejjez tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972